



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14399/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0324(NLE)

ENER 565
ATO 86
POLCOM 153
FDI 20

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-33 laqgħa
tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("il-Ftehim") ġie konkluż f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom¹ u daħal fis-seħħ fis-16 ta' April 1998.
- (2) Fin-nuqqas ta' aġġornamenti sostanzjali tal-Ftehim mis-snin disgħin, il-Ftehim kulma jmur sar dejjem iktar antikwat. Għaldaqstant ġie propost li l-Ftehim jiġi emendat bil-ħsieb li jiġi allinjat mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Pariġi taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima adottata fit-12 ta' Diċembru 2015, mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma' standards moderni ta' protezzjoni tal-investimenti u ta' soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati.
- (3) Skont il-Ftehim, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tadotta testi ta' emendi għall-Ftehim u tapprova modifiki u bidliet tekniċi fl-Annessi tal-Ftehim (l-"atti proposti").

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 dwar il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll tal-Karta tal-Enerġija dwar l-effiċjenza enerġetika u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

- (4) Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, matul it-33 laqgħa tagħha fit-22 ta' Novembru 2022, għandha (i) tadotta l-emendi proposti għall-Ftehim (CC 760); (ii) tapprova l-modifiki u l-bidliet tekniċi proposti fl-Annessi tal-Ftehim (CC 761); (iii) tapprova l-bidliet tekniċi proposti fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762); u (iv) tapprova d-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni proviżorja ta' emendi għall-Ftehim u l-modifiki u l-bidliet tekniċi fl-Annessi tiegħu (CC 763). B'hekk tkun qed tikkonkludi n-negozjati mwettqa bl-għan li jiġi mmodernizzat il-Ftehim.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, billi l-atti proposti ser ikollhom effetti legali.
- (6) Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni skont din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni sussegwenti li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni tal-emendi proposti għall-Ftehim (CC 760) skont l-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- (7) L-atti proposti ser jiġu adottati mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija jekk l-ebda Parti Kontraenti għall-Ftehim ma toġġezzjona. Għalhekk il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li ma tqajjimx oġġezzjonijiet, sabiex tippermetti l-adozzjoni tal-atti proposti mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, għandha tkun li tipparteċipa fil-votazzjoni u li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għal:

- (a) l-adozzjoni mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tal-emendi proposti għall-Ftehim (CC 760);
- (b) l-approvazzjoni tal-modifiki u l-bidliet tekniċi proposti fl-Annessi tal-Ftehim (CC 761);
- (c) l-approvazzjoni tal-bidliet tekniċi proposti fil-Ftehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762); u
- (d) l-approvazzjoni tad-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni proviżorja tal-emendi għall-Ftehim u l-modifiki u l-bidliet tekniċi fl-Annessi tiegħu (CC 763).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
